**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 6 ta' Gunju, 2019**

Numru 5

**Rikors Guramentat Nru. 654/2015**

**Avv. John Refalo bhala mandatarju specjali**
**tas-socjeta estera Jiaxing Stone Industries Ltd**

**vs**

**b'digriet tad-19 ta' Awwissu 2015**
**Dr Martin Fenech u PL Liliana Buhagiar**
**gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw**
**is-socjeta estera Calibre Consultants Limited; u**
**Steel Eagle Commerce Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici Jiaxing Stone Industries Ltd tas-6 ta' Lulju, 2015 li jghid hekk:

1. Illi s-socjetajiet Jiaxing Stone Industries Ltd u Calibre Consultants Ltd huma socjetajiet esteri, inkorporati fic-Cina u f'St. Vincent and the Grenadines rispettivament, li dahlu fi ftehim kummercjali, originarjament fid-9 ta' Novembru 2012, u li gie estiz minn zmien ghal zmien;

2. Illi ghalkemm fuq il-karta jidher illi s-socjeta konvenuta Calibre Consultants Limited ghamlet diversi ordnijiet minghand l-awturi tal-attur noe permezz tas-segwenti Purchase Orders, dawn saru efettivament mis-socjeta konvenuta Steel Eagle Commerce Ltd:
14- JSJ-0505- WAS
14-S8-JSJ-0519- WAS
14-S11-JSJ-1206-BLT

14-S9-0529-WASBLT
14-S6-JSI-1107-WAS
14-S10-JSI-1107-WASBLT
liema Purchase Orders jammontaw kumulattivament f'valur ta' mija u erbgha u sittin elf, erbgha mija u disgha u tletin dollar Amerikan u tletin centezmu (USD 164,439.30), illum ekwivalenti ghal mija u tmienja u erbghin elf, mitejn u sitt ewro u tlieta u erbghin centezmu (Ewro 148,206.43);

3. Illi effettivament, kull kuntatt u negozjati li kellhom l-awturi tal-esponenti, sa mill-bidu net meta sar il-kuntratt originali, kien isir mas-socjeta Steel Eagle Commerce Ltd, u qatt mas-socjeta konvenuta l-ohra Calibre Consultants Limited, b'dan allura illi kien car illi l-klijent proprjament kienet is-socjeta konvenuta Steel Eagle Commerce Limited, bis-socjeta estera Calibre Consultants Limited tagixxi bhala l-paraventu taghha, u dan kif se jigu ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi dan jirrizulta car u lampanti minhabba diversi indizzji u provi, fosthom il-prezenza taz-zewg socjetajiet hawn Malta, anke jekk, b'tlett ezempju wiehed, minhabba l-ghazla ta' bankiera Maltin, u l-ghazla ta' gurisdizzjoni u l-ligi applikabbli f'dawn it-transazzjonijiet tkun ta' Malta, meta fuq il-karta l-awtur tal-esponenti, u s-socjeta Calibre Consultants Limited ma ghandhom ebda konnessjoni ma' Malta;

5. Illi l-istess socjeta konvenuta Steel Eagle Commerce Ltd, fil-bidu tas-sena 2015, ikkommettiet ruhha ghall-hlasijiet tal-ordnijiet dovuti lill-awtur tal-attur noe, u weghdet hlasijiet, liema weghdiet ma gewx onorati;

6. Illi recentement, fl-isfond ta' process legali ghar-revoka ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju intavolat mill-esponenti kontra l-konvenuti, irrizulta li s-socjeta konvenuta Steel Eagle Commerce Ltd inghatat prokura mis-socjeta konvenuta l-ohra Calibre Consultants Limited biex tagixxi bhala agent taghha, li filwaqt illi l-esponenti ghandu dubji serji rigward l-awtenticita u l-veracita ta' tali prokura, u cert li hija biss messa in scena, de minimis jaghti lill-esponenti dritt ta' azzjoni fil-konfront tas-socjeta konvenuta Steel Eagle Commerce Ltd, imqar bhala agent, jekk mhux bhala debitur dirett, u hija indikattiva wkoll tar-relazzjoni fil-qrib bejn is-socjetajiet konvenuti;

7. Illi din il-messa in scena da parti tas-socjetajiet konvenuti tirrizulta car u lampanti meta wiehed jara kif ir-'registered office' tal-azzjonista principali u magoritarja tas-socjeta Steel Eagle Commerce Limited hija l-istess bhal dik tas-socjeta konvenuta l-ohra Calibre Consultants Limited, indirizz li jappartjeni ghal kumpanija li taghti corporate services, u ghalhekk, kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, is-socjetajiet konvenuti fil-verita huma persuna wahda;

8. Illi ghaldaqstant, is-socjeta Steel Eagle Commerce Ltd ghandha titqies illi hija wkoll debitur tal-awtur tal-attur noe, fl-ammont hawn fuq imsemmi ta' mija u erbgha u sittin elf, erbgha mija u disgha u tletin dollar Amerikan u tletin centezmu (USD 164,439.30), illum ekwivalenti ghal mija u tmienja u erbghin elf, mitejn u sitt ewro u tlieta u erbghin centezmu (Ewro 148,206.43), u dan fi kwalunkwe vesti li hija jidhrilha tipprezenta ruhha;

9. Illi l-hlas relattiv ghal dawn l-ordnijiet ma thallasx, nonostante diversi interpellazzjonijiet;

10. Illi ghalhekk kellha issir din il-kawza;

11. Illi t-talba ghal hlas sejra ssir fuq bazi da likwidarsi sabiex ikun hemm izjed kontroll minhabba l-kwistjoni tar-rata tal-kambju fl-effettiv likwidazzjoni tal-ammont dovut;

Jghidu s-socjetajiet konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1) Prevja kull dikjarazzjoni necessarja, tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjetajiet konvenuti solidalment, jew min minnhom, huma debituri tal-attur noe ghall-hlas tal-purchase orders 14-JSJ-0505-WAS, 14-S8-JSJ-0519-WAS, 14-S11-JSJ-1206-BLT, 14-S9-0529-WASBLT, 14-S6-JSI-1107-WAS, 14-S10-JSI-1107-WASBLT;

2) Tillikwida l-ammont dovut mis-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, versu l-awtur noe;

3) Tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti in solidum bejniethom, jew min minnhom, ihallsu lill-attur noe s-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru li ippreceda dan l-Att, u l-imghaxijiet kummercjali sal-ghola rata permessa mil-ligi, kontra s-socjetajiet konvenuti, li huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta Steel Eagle Commerce Limited u l-kontrotalba li li tghid hekk:

1) Illi r-rikors guramentat promotur huwa null stante li l-attur la hallas id-dritt tar-Registru tal-Qorti stabbilit fl-artikolu 3(1)(f) tat-Tariffa A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) applikabbli fejn it-talba tkun ghall-kundanna ta' hlas ta' somma flus u lanqas ma ghamel id-dikjarazzjoni mahlufa imsemmija fl-artikolu 4(1)(e) tal-istess Tariffa A tal-imsemmija Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li turi l-ammont bejn wiehed u iehor li jahseb li jkun jista' jitlob jekk jigi stabbilit id-dritt tieghu. L-attur jipprova jiggustifika dan in-nuqqas konvenjenti biex ma jhallasx id-dritt tar-Registru billi jghid li huwa ma indikax l-ammont ta' mija u erbgha u sittin elf erba' mija u disgha u tletin dollaru Amerikan ($164,439.30) ossia mija u sitta u erbghin elf tlett mija u tmien ewro u tnejn u sebghin cent (€146,308.72), minnu indikat fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 169/15 tal-15 ta' Lulju 2015 kopja ta' liema mandat qed jigi anness (billi ma giex anness mar-Rikors Guramentat u hija immarkata bhala Dokument "SEl" billi jghid li dan setgha jvarja skont ir-rata tal-kambju. L-unika kambju verament rilevanti huwa dak tat-dritt pagabbili ghal prezentata tar-Rikors Guramentat;

2) Illi in linea preliminari ukoll u bla pregudizzju, is-socjeta attrici estera ghandha tipprova li s-socjeta esponenti hija legittima kontradittrici taghha; stante li s-socjeta esponenti fl-ebda stadju ma ikkuntrattat mas-socjeta attrici estera f'isimha u l-kuntratt sar bejn is-socjeta attrici estera u s-socjeta konvenuta l-ohra kif jidher mid-dokumenti annessi mar-Rikors Guramentat mis-socjeta attrici estera stess;

3) Illi in linea preliminari ukoll u bla pregudizzju, is-socjeta attrici estera ghandha tipprova li s-socjetajiet konvenuti huma, skond kif qed jallegaw, persuna wahda, anke fl-isfond tal-Artikolu 67 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, aktar u aktar meta huma stess, fir-rikors taghhom fejn talbu ghall-hatra ta' kuraturi biex jirraprezentaw lis-socjeta' konvenuta l-ohra, tenut kont l-artikolu 931(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li "kopja ta' dawn il-bandi flimkien ma' kopja tal-iskrittura jew verzjoni qasira taghha ghandha tigi innotifikata lil wiehed mill-eqreb qraba tal-persuna li ghandu jkollha kuratur li jidher ghaliha, l-atturi ..." l-anqas ma innotifikaw lis-socjeta esponenti bil-bandu relattiv;

4) Illi fil-meritu s-socjeta attrici estera ghandha tipprova li l-ammont indikat fil-purchase orders annessi mar-Rikors promotur u fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju huwa verament dovut;

5) Illi bla pregudizzju ghas-suespost is-socjeta esponenti hija socjeta registrata hawn Malta u hija ghall kollox separata u distinta mis-socjeta konvenuta l-ohra u ghalhekk ma ghandhiex twiegeb ghal dak li ghamlet is-socjeta konvenuta l-ohra; Tezi mibnija fuq suppozizzjonijiet u allegazzjoniet gratuwiti u bazati fuq kongetturi ma ghandhiex tintlaqa;

6) Illi bhala fatt is-socjeta esponenti qatt ma ordnat l-merci imsemmija fir-rikors guramentat promotur u mhix responsabbili ghal ebda hlas dwar l-istess;

7) Illi l-atturi qed jirrekaw danni sostanzjali lis-socjeta eccipjenti minhabba l-hrug frivolu, vessatorju u malizzjuz tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju Dokument "SE1" li qed itellef lis-socjeta eccipjenti odjerna mill-uzu ta' flusha u mill-gestjoni tal-operat taghha u qed jirreka danni sostanzjali ohra lis-socjeta esponenti, u dana kollu htija tal-attur nomine, u dan hekk kif ser jigi ippruvat ahjar fil-mori tal-kawza odjerna, u ghal dan il-ghan is-socjeta esponenti qed tipprevalixxi ruhha mid-dritt moghti lilha skond il-ligi u qeghdha taghmel kontestwalment id-debita kontrotalba fir-rigward;

8) Illi f'kull kaz, bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

9) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Kontrotalba

1) Illi s-socjeta esponenti giet notifikata bir-rikors guramentat promotur tal-kawza odjena u, kif inghad, l-istess socjeta esponenti qed tipprevalixxi ruhha mid-dritt lilha koncess skont il-ligi u qieghda taghmel il-prezenti kontrotalba kontra l-attur;

2) Illi permezz tal-Mandat ta' Sekwestru numru 969/15 fl-ismijiet "Avv. John Refalo bhala mandatarju specjali tas-socjeta estera Jiaxing Stone Industries Limited vs 1) Calibre Consultants Limited u 2) Steel Eagle Commerce Ltd (C-46938)" prezentat fil-15 ta' Gunju 2015 (Dok. "SE1" anness) dina l-Onorabbli Qorti ordnat li tigi issekwestrata s-somma ta' mija u sitta u erbghin elf tlett mija u tmien ewro u tnejn u sebghin cent (€146,308.72) ekwivalenti ghal mija u erbgha u sittin elf, erbgha mija u

disgha u tletin dollaru Amerikan u tletin centezmi ($164,439.30) mill-flus appartenenti lis-socjeta sekwestrata;

3) Illi s-socjeta esponenti kienet BISS qed tagixxi ta' mandatarju tas-socjeta estera Calibre Consultants Limited li hija fil-fatt kumpannija inkorporata gewwa St. Vincent & The Grenadines, u dana bil-ghan li jigi koordinat l-ordni u l-konsenja tal-prodotti mibjugha mis-socjeta sekwestranti estera lis-socjeta estera Calibre Consultants Limited u ghalhekk, is-socjeta esponenti ma ghandha l-ebda responsabilita diretta ghall-hlas ta' sommom (li jistghu wara kollox jirrizultaw li l-anqas huma dovuti wara li jigi dibattut il-mertu) u dwar dan kienet ben konsapevoli s-socjeta attrici rikonvenzjonata;

4) Illi dolozament l-attur nomine, ben sapevoli tal-fatt li s-socjeta esponenti kienet BISS qed tagixxi ta' mandatarju tas-socjeta estera Calibre Consultants Limited xorta wahda talab ghal u ottjena l-hrug tal-precitat Mandat ta' Sekwestru numru 969/15 kontra s-socjeta esponenti;

5) Illi s-socjeta esponenti soffriet u qed issoffri danni konsegwenza tal-precitat Mandat ta' Sekwestru numru 969/15 (Dok. "SE1"), fosthom dawk li jirrizultaw minn-nuqqas tal-uzu tal-flus li gej minnha mehuda u depozitati taht l-awtorita ta' dina l-Onorabbli Qorti skond kif jirrizulta mic-cedola ta' depozitu numru 1028/2015 (Dok. "SE2") fl-ismijiet premessi li kopja taghha tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "B" u li permezz taghha gew depozitati s-somma ta' €40,017.03 minn flus is-socjeta esponenti oltre l-ispejjez;

6) Illi bil-hrug tal-precitat Mandat ta' Sekwestru numru 969/15, per konsegwenza tat-telf ta' uzu tal-flus appartenenti lis-socjeta esponenti qeghdin u sejrin jigu imposti fuq is-socjeta esponenti multi, hlas ta' demurrage, inoltre s-socjeta esponenti giet f'qaghda li ma tistax thallas il-kredituri legittimi taghha (anke ghal merci li jinsabu diga in transit) u anke ghall-fatt illi s-socjeta esponenti ma tistax aktar tibqa' topera b'success u ghat-telf ta' reputazzjoni u anke telf ta' qliegh. Dan kollu jissarraf f'danni li qed jigu irrekati lis-socjeta esponenti u li ghalihom l-atturi ghandhom jghamlu tajjeb;

7) Illi ta' dawk id-danni kollha fuq imsemmija l-attur nomine huwa unikament responsabbli;

8) Illi l-esponent nomine jaf personalment bil-fatti kollha minnu dikjarati.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, jghid l-attur nomine rikonvenzjonat ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1) Tiddikjara li l-atturi rikonvenzjonati jew min minnhom ikkawzaw u qeghdin jikkawzaw danni lis-socjeta konvenuta rikonvenzjonanti u li l-istess l-atturi rikonvenzjonati huma unikament responsabbli ghal dawk id-danni li huma ikkagunaw lis-socjeta konventa rikonvenzjonanti;

2) Tillikwida id-danni kollha li l-atturi rikonvenzjonati kkagunaw lis-socjeta konvenuta rikonvenzjonanti;

3) Tikkundanna lill-atturi rikonvenzjonati jhallsu lis-socjeta konvenuta rikonvenzjonanti dawk id-danni hekk likwidati li l-atturi rikonvenzjonati kkagunaw lis-socjeta konventa rikonvenzjonanti;

Bl-imghaxijiet mid-data tal-inadempjeza tal-atturi rikonvenzjonati u bl-ispejjez kontra l-istess atturi rikonvenzjonati, minn issa ngunti ghas-subizzjoni u bir-rizerva ta' kull azzjoni ohra kontra l-atturi rikonvenzjonati spettanti lis-socjeta esponenti.

Rat ir-risposta guramentata ghall-kontrotalba tas-socjeta attrici li tghid hekk:

1. Preliminarjarnent, in-nullita tal- Att gudizzjarju li permezz tieghu gew intavolati l-eccezzjonijiet u l-kontrotalba, u dan stante illi Valcho Stoychev Valchev huwa ragel Bulgaru li ma jifhimx il-Malti u ghaldaqstant huwa inkoncepibbli kif seta' jiehu gurament fuq il-veracita tal-kontenut tal-istess Att kif redatt bil-Malti, minghajr mal-istess Att gie tradott u t-traduzzjoni giet annessa - ghaldaqstant dan il-gurament ma ghandux jitqies li jiswa' b'dan li l-Att gudizzjarju de quo ghandu jitqies null;

2. Preliminarjarnent, u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-kontrotalba de quo hija irrita u nulla stante illi jonqsu l-elementi u r-rekwiziti essenzjali, senjatament izda mhux limitatament, in-ness sabiex tigi proposta kontrotalba validament;

3. Illi t-talbiet tas-socjeta konvenuta rikonvenjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess s-socjeta konvenuta rikonvenjenti u dan stante li l-eccepjenti ma hux responsabbli ghal ebda danni lejn is-socjeta konvenuta rikonvenjenti;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe dannu allegat irid jigi ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi;

5. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, f'kaz biss illi dina l-Onorabbli Qorti kellha tillikwida kwalunkwe somma in linea ta' danni favur is-socjeta konvenuta rikonvenjenti, l-imghax ghandu jibda jiddekkorri biss mid-data tan-notifika tal-kontrotalba stante n-nuqqas ta' interpellazzjoni;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kuraturi ghas socjeta Calibre Consultants Limited irrispondew hekk:

1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatli u jirrizervaw li jissottomettu risposta meta jkunu jafu l-fatti kollha;

2. lIli minghajr pregudizzju ghas-suespost r-rikorrenti qieghed jassumi hafna fil-konfront taz-zewg socjetjiet u ghandu jipprova dak li qieghed jallega;

3. Illi jekk ir-rikorrenti ghandu xi informazzjoni dwar is-socjeta intimata estera Calibre Consultants Llimited dan ghandu jghaddhija lill-esponenti immedjatament.

Risposta guramentata ghall-kontrotalba

1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u jirrizervaw li jissottomettu risposta meta jkunu jafu l-fatti kollha;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost r-rikorrenti ghandu jippruva dak li qieghed jallega;

3. Illi jekk ir-rikorrenti ghandu xi informazzjoni dwar is-socjeta intimata estera Calibre Consultants Llimited dan ghandu jghaddhija lill-esponenti immedjatament.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Talba attrici**

Din hi kawza fejn is-socjeta attrici tissottometti li hi u s-socjeta Calibre dahlu fi ftehim kummercjali fid-9 ta' Novembru 2012 u gie estiz minn zmien ghal zmien. Izidu li pero effettivament il-bejgh tal-prodotti mis-socjeta attrici kienu qed isiru fil-prattika lis-socjeta Steel Eagle u dan skont il-purchase orders esebiti, tant li l-kuntatti kienu isiru mas-socjeta Steel Eagle biss u s-socjeta Calibre kienet biss il-paraventu taghha. Izidu li Steel Eagle tinsab prezenti f'Malta, il-bankiera u ghazla tal-gurisdizzjoni u ligi applikabbli ghat-transazzjonijiet kienet dik Maltija. In oltre fl-2015 is-socjeta Steel Eagle ikkommettiet ruhha ghal hlasijiet dovuti ghall-ordnijiet. Meta saret procedura ta' revoka ta' sekwestru kontra Calibre, dehret is-socjeta Steel Eagle bi prokura bhala agenti taghha f'Malta. Anki r-registered office tal-azzjonista maggoretarju ta' Steel Eagle hu l-istess bhal dak ta' Calibre. Ghalhekk iz-zewg socjetajiet konvenuti huma kodebituri tal-pretensjoni attrici.

Is-socjeta Steel Eagle laqghet ghal din l-azzjoni preliminarjament billi issostni li r-rikors guramentat hu null ghax is-socjeta attrici ma hallsitx id-dritt tar-registru tal-Qorti stabbliet fl-artikolu 3(1)(f) ta' Tariffa A tal-Kap. 12 u lanqas ma ghamlet id-dikjarazzjoni mahlufa msemmija fl-artikolu 4(1)(e) tal-istess Tariffa A tal-Kap. 12.

Din l-eccezzjoni ma fihiex mertu billi d-dritt tar-registru skont l-artikolu 3(1)(f) ta' Tariffa A jigi stabbiliet mir-registratur tal-Qorti fuq it-talbiet maghmula u kif maghmula. Anki jekk kien hemm xi nuqqas ta' hlas bhala depozitu ma jistax jahti ghalih l-attur li

semmai jigi msewwi fit-taxxa finali. In kwantu ghall-artikolu 4(1)(e) tal-istess Tariffa din mhix applikabbli ghal kaz ghax tirrigwarda proprjeta.

Is-socjeta Steel Eagle wkoll tissottometti li mhix legittima kontradittrici ghat-talbiet attrici billi qatt ma ikkuntrattat maghha u lanqas tista' titqies bhala haga wahda mas-socjeta konvenuta l-ohra.

Din l-eccezzjoni trid tigi kunsidrata sew billi hi t-tezi primarja attrici biex torbot it-talbiet taghha ma' din is-socejta. Jirrizulta mil-provi illi fid-9 ta' Novembru 2012 is-socjeta attrici u s-socjeta Calibre dahlu fi ftehim ta' bejgh ta' prodotti mas-socjeta attrici lis-socjeta Calibre, a fol. 369 et seq. tal-process. Dan il-ftehim kien validu sal-ahhar ta' Dicembru 2013 ghalkemm jidher li hadd mil-partijiet ma qies li gie terminat f'dik id-data billi l-bejgh tal-prodotti mertu tal-azzjoni huma tal-2014 u ma tqajmet ebda kwistjoni bejn il-partijiet li tali ftehim ma kinex imgedded tacitament.

Jidher ukoll illi s-socjeta Calibre registrata f'Saint Vincent and The Grenadines fl-1999, appuntat lil Steel Eagle Commerce Limited, kumpanija registrata f'Malta fl-2009 biex tkun l-agent taghha f'Malta u biex tinnegozja f'isimha dwar il-provista ta' prodotti tal-azzar f'isem l-istess Calibre.

Il-purchase orders mertu tal-azzjoni odjerna huma kollha maghmula minn Calibre (ara fol. 6 et seq. tal-process) fejn fid-dokument tal-ftehim hemm indikati li l-bill of lading ghandha tinkludi lil Calibre Consultants Limited bhala 'consignee' u lil Steel Eagle bhala 'notify party'. Dawn il-purchase orders huma iffirmati minn rapprezentat tas-socjeta attrici u ta' Calibre.

Is-socjeta attrici tallega illi s-socjetajiet konvenuti huma haga wahda ghax l-IP address hu l-istess u ghalhekk it-tnejn huma kodebituri. Din il-prova gie newtralizzata bix-xiehda tal-espert tas-socjeta Steel Eagle Dr Martin Bajada (fol. 572 tal-process) li spjega li IP address hu registrat fuq kumpanija li tipprovdi 'cloud services' cioe f'dan il-kaz Soft Layer Technolgies Inc. fejn wiehed jista' jabbona biex jaghmel uzu minn dan l-IP address. Hemm mijiet ta' eluf ta' abbonati li jistghu juzufruixxu ruhhom minn IP address biex permezz ta' dan is-service provider jabbona l-email address mieghu.

Ghalhekk l-IP address mhix prova li z-zewg socjetajiet konvenuti huma fil-fatt entita wahda.

Is-socjeta attrici wkoll esebiet diversi emails li skont hi juru li kien hemm relazzjoni kummercjali diretta bejn l-awturi tas-socjeta attrici u s-socjeta Steel Eagle dwar in-negozju li kien qed isir u l-hlasijiet dovuti (fol 157 et seq. tal-process). Il-Qorti li ezaminat dawn l-emails tista' tasal ghal konkluzjoni biss illi kien l-awtur tas-socjeta attrici li ghamlet l-ewwel kuntatt ma' Steel Eagle u illi Steel Eagle qatt ma issemmiet li ghamlet in-negozju direttament hi jew li assumiet responsabilta diretta ghal hlas, tant li f'email a fol 159 u 164 tal-process tindika car li ikkorispondiet ma Ganluca Borello rapprezentant ta' Calibre dwar l-ammonti dovuti, deliveries, diskrepanzi, u meta x'aktarx seta' jsir pagament. Anki d-dokument a fol 178 juri ammont ta' flus mibghut lis-socjeta attrici li skont l-HSBC report juri li dan sar minn Calibre Consultants Limited. Ghalkemm is-socjeta attrici f'pagna 14 u 15 tas-sottomissjonijet issaqsi diversi domandi dwar l-identita ta' dan Bonello meta r-rappport ta' credit safe jghid li Calibre Consultants ma ghandhiex impjegati u ghalfejn din is-socjeta hi registrata f'pajjiz karibiku u hi offshore company u kif kienet tahdem bla impjegati imma tuza lil Steel Eagle bhala agent, jibqa' l-fatt li l-kawza ghamlitha s-socjeta attrici li fuqha jinkombi l-piz tal-prova mhux tas-suspett biss.

Is-socjeta attrici wkoll ipprezentaw zewg rapporti ta' Creditsafe dwar iz-zewg kumpaniji konvenuti pero minn ezami ta' dawn id-dokumenti ma tidher ebda konnessjoni cara ta' azzjonist jew diretturi bejn iz-zewg kumpaniji, jew li z-zewg kumpaniji huma konnessi ma' xulxin. Kull ma jirrizulta hu li l-maggoranza tal-ishma ta' Steel Eagle Commerce Limited huma ta' kumpanija Steel Raven Limited ukoll registrata f'Saint Vincent and the Grenadines. Din il-kumpanija ghandha l-indirizz registrat fl-edificcju ta' kumpanija li toffri servizzi ta' trusts fost ohrajn bl-isem Jeeves Group. Dawn pero ma humiex provi imma indizji u suppozizzjonijiet bla ebda prova kontratta ta' dak allegat.

L-agent fil-kummerc hu regolat bl-artikolu 50 tal-Kap. 13 li jighid li kull att maghmul mil-agent f'isem principal fl-ambitu tal-mandat moghti jipproduci l-effetti tieghu direttament fil-konfront tal-principal. Dan ifisser li hu l-principal li jrid jirrispondi

direttament ghal hlas ta' dak kollu ordnat minnu. Il-ligi fil-Kapitolu 13 tirreferi ghall-artikoli tal-mandat fil-Kap. 16 fejn jirrizulta illi mandatarju jista' jigi imharrek f'isem il-principal jekk il-principal hu assenti minn Malta. F'dan il-kaz is-socjeta attrici harrket liz-zewg socjetajiet separatament u ghalhekk hi qed issostni li ma hemmx agenzija izda messa in scena ta' zewg socjetajiet bis-socjeta Calibre tahbi lil veru kontraent cioe s-socjeta Steel Eagle. Pero dan mhux konfermat mil-provi prodotti. Ghalkemm Tong Yu Xiang, fl-affidavit tieghu a fol. 214 tal-process isostni li b'ittra tal-24 ta' Jannar 2014 Steel Eagle ikkonfermat li Calibre kienet proprjeta taghha dan mna jirrizultax mil-ittra esebita a fol. 223 tal-process.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi is-socjeta attrici ma ipprovatx it-talbiet taghha kontra s-socjeta Steel Eagle bhala l-entita li maghha ghamlet negozju u li ghandha tirrispondi ghat-talba ghal hlas tal-prodotti suppliti.

Mhix l-istess jista' jinghad fil-konfront tas-socjeta Calibre li fir-risposta guramentata tal-kuraturi li qed jirraprezentawha ma offrew ebda difiza valida ghat-talbiet attrici. Is-socjeta attrici ipprezentat n-negozju maghmula ma' Calibre mal-att promotor. Ix-xhud Tong Yu Xiang jikkonferma li dawn il-hlasijiet ghal prodotti ma gewx mhallsa u ma hemmx prova kuntrarja ghal dan. Ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex prova li ixxejjen il-pretensjoni attrici li tirrizulta prima facie mil-ordniijiet esebiti.

**Kontrotalba**

Is-socjeta Steel Eagle ghamlet kontrotalba fejn qed issostni li s-socjeta attrici ghamlet sekwestru kontra s-socjetajiet konvenuti u giet sekwestrata s-somma ta' €40,017.03 minghand is-socjeta Steel Eagle. Is-socjeta Steel Eagle issostni li dan kien agir doluz tas-socjeta attrici li kienet taf li s-socjeta Steel Eagle kienet biss mandatarja u subit danni bil-konsegwenza ta' telf ta' uzu ta' flusha, inkluz multi, hlas ta' demurrage, u nuqqas ta' possibilta ta' hlas tal-kredituri.

Is-socjeta attrici laqghet ghall-azzjoni b'eccezzjonijiet preliminari fuq is-siwi tal-att tal-kontrotalba billi minn halef il-kontrotalba mhux Malti u ma jifhimx bil-Malti. Din l-eccezzjoni ma fiha ebda siwi billi minn imkien ma gie pruvat li l-persuna li ipprezentat u halfet il-kontrotalba ma kinitx tifhem il-kontenut ta' dak ipprezentat minnha. Gie

sostnut ukoll li ma hemmx ness bejn it-talba u kontrotalba. Dan ukoll mhux minnu. Hi l-kawza attrici u s-sekwestru li sar biex jigi kawtelat l-ammont pretiz li jaghti lok ghat-talba tas-socjeta Steel Eagle li tinghata danni ghal att tas-socjeta attrici jekk jirrizultaw l-elementi necessarji rikjesti ghal tali talba ta' danni naxxenti minn hrug ta' mandat li jirrizulta infondat fil-konfront tas-sekwestrat.

Il-Qorti tirreleva illi min jallega li ghandu dritt hu intitolat juza l-mezzi procedurali kollha biex jipprotegi dan id-dritt fil-qies tal-limitu ta' dan id-dritt. F'dan il-kaz is-socjeta attrici resqet kawza kontra Calibre u Steel Eagle ghax allegat li tal-ahhar kienet koresponsabbli ghal dak dovut lis-socjeta attrici ghal prodotti mibjugha u konsenjati u ikkawtelat dan id-dritt b'sekwestru li halla l-frott kontra s-socjeta Steel Eagle.

Irrizulta lil Qorti li nonostante l-allegazzjoni attrici, ma irrizultax li Steel Eagle ghandha tirrispondi hi ghat-talbiet attrici. L-artikolu 836(9) tal-Kap. 12 jaghti d-dritt ghad-danni subiti jekk mandat jigi revokat mil-Qorti ghal ragunijiet imsemmija fl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12. Mil-premessi tal-kontro talba jidher li s-socjeta Steel Eagle qed tibbaza l-pretensjoni taghha fuq is-subinciz 836(8(d) cioe fejn il-mandat inhareg b'mod malizjuz, frivolu jew vessatorju. Din il-prova trid issir minn min qed jallegaha u fl-atti ma saret ebda prova li l-mandat inhareg kif jippremetti l-artikolu 836(8(d) tal-Kap. 12 u ghalhekk il-kontrotalba ta' Steel Eagle ghandha tigi michuda, salv li s-socjeta attrici b'mod immedjat tirtira l-mandat ta' sekwestru 969/15 fil-konfront ta' Steel Eagle.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti in kwantu ghall-azzjoni attrici, qed tichad it-talba taghha kontra Steel Eagle Commerce Limited billi tilqa' l-eccezzjoni taghha li mhix legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici, filwaqt li tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta Calibre Consultantants Limited u tikkundannha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €148,206.43 bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja ta' kull fattura, spejjez jithallsu mis-socjeta Calibre Consultantants Limited hlief ghall-ispejjez tas-socjeta Steel Eagle Commerce Limited li ghandha tbatihom is-socjeta attrici.

In kwantu ghal-kontrotalba tas-socjeta Steel Eagle Commerce Limited, il-Qorti tichadha bl-ispejjez kontra taghha.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur